MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tat-28 ta' April, 2005

Numru 669/2004

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR MARIO TONNA**

**VS**

**ADRIAN PACE GOUDER**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Adrian Pace Gouder ta’ 32 sena, imwieled tas-Sliema nhar it-28 ta’ Marzu, 1972, bin Alexander u Monica nee’ Vella Laurenti, residenti fil-fond bl-isem Milton, Flat 1, Triq Birkirkara, San Giljan, detentur tal-karta tal-identita’ numru 162972 (M) ;

Akkuzat talli fil-perjodu ta’ bejn il-15 ta’ Lulju, 2004 u s-6 ta’ Awissu, 2004 ikkommetta serq ta’ mutur tal-ghamla *Suzuki 80* bin-numru tar-registrazzjoni KFC 102 minn gewwa Triq San Gorg, kantuniera ma’ Triq Dragonara,

Paceville, San Giljan, ghad-dannu ta’ Bartholomew Engerer mill-Gzira, u liema serq huwa aggravat bil-valur, bil-hin, u bix-xorta tal-haga misruqa, u dan *ai termini* tal-Artikoli 261, 267, 270, 271(g) u 279(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli bejn it-3 ta’ Awissu, 2004 u s-6 ta’ Awissu, 2004, ikkommetta serq ta’ mutur tal-ghamla *Piaggio DNA180* bin-numru tar-registrazzjoni HAU 873 minn gewwa x-Xemxija, ghad-dannu ta’ Daniel John Mountford minn San Pawl il-Bahar, u liema serq huwa aggravat bil-valur, bil-hin, u bix-xorta tal-haga misruqa, u dan *ai termini* tal-Artikoli 261, 267, 270, 271(g) u 279(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli bejn it-3 ta’ Awissu, 2004 u s-6 ta’ Awissu, 2004, volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe’ fuq mutur *Piaggio DNA180* bin-numru tar-registrazzjoni HAU 873, liema hsara teccedi l-Lm50.00 (hamsin lira maltin) izda ma teccedix il-Lm500.00 (hames mitt lira maltin), u dan *ai termini* tal-Artikoli 325(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli bejn matul dawn l-ahhar xhur fil-gzejjer, minn limiti mhux maghrufa f’Malta, ikkommetta serq ta’ pjanci ta’ numru tar-registrazzjoni ta’ mutur FAD 902 ghad-detriment ta’ Massimo Borg minn Hal-Qormi, u d-Direttur tad-Dipartiment tal-Licenzji, liema serq huwa aggravat bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa u dan *ai termini* tal-Artikoli 261, 270 u 271(g) u tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi, xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistahom b’reat, jew xjentement, b’kull mod indahal sabiex ibieghhom jew imexxihom u dan *ai termini* tal-Artikoli 334(a) u (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi, gewwa San Giljan u diversi bnadi ohra tal-gzejjer Maltin, b’diversi atti maghmulin b’risoluzzjoni wahda f’diversi bnadi u hinijiet tal-gzejjer Maltin, saq l-istess muturi *Suzuki 80* bin-

numru tar-registrazzjoni KFC 102 u *Piagio DNA180* bin-numru tar-registrazzjoni HAU 873 minghjar ma kien awtorizzat b'licenzja tas-sewqan mahruga mid-Direttur tat-Traffiku;

U aktar talli fl-istess postijiet, dati u hinijiet saq l-istess muturi minghajr ma kien kopert b'polza ta' assigurazzjoni;

U aktar talli fl-istess postijiet, dati u hinijiet saq l-istess muturi b'manjiera traskurata, perikoluza u negligenti;

U aktar talli ghamel olterazzjonijiet fuq mutur *Suzuki 80* bin-numru tar-registrazzjoni KFC 102 u mutur *Piaggio DNA180* bin-numru tar-registrazzjoni HAU 873 billi biddel in-numri tar-registrazzjoni minghajr awtorizzazzjoni minghand id-Direttur tat-Traffiku;

U aktar talli fl-istess zminijiet u cirkostanzi sabiex jikseb vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz, billi wahhal sett ta' *number plates* foloz b'numru ta' registrazzjoni FAD 902 fuq mutur tal-ghamla *Suzuki 80* bin-numru tar-registrazzjoni KFC 102 u mutur *Piaggio DNA180* bin-numru tar-registrazzjoni HAU 873, u dan *ai termini* tal-Artikoli 18, 185 (2), 186 u 188 tal-Kodici Kriminali, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U finalment talli fl-istess zminijiet u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni jew uzu minn dokument iehor falsifikat billi uza sett ta' *number plates* foloz, u dan *ai termini* tal-Artikoli 187, 189, u 338(gg) tal-Kodici Kriminali tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Artikoli 15, 16, 17, 18, 31 u 91 tal-Oridinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ammetta ghall-akkuzi kollha kif dedotti, anke wara li nghata zmien skond il-Ligi sabiex jikkunsidra l-ammissjoni tieghu;

Rat l-Artikoli 261, 267, 270, 271, u 279, 325, 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 15, 16, 17, 18, 31

u 91 tal-Kapitolu 65, l-Artikolu 3 tal-Kapitolu 104, u l-Artikoli 184, 185, 186, 187, 188, 189 u 338(gg) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat illi l-akkuza tar-ricetazzjoni inghatat bhala alternattiva ghall-akkuzi kollha ta’ serq, u ghalhekk il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ din l-istess akkuza;

Rat illi l-akkuzi kollha jistghu jigu assorbiti ghall-finijiet tal-piena, *ai termini* tal-Artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ikkunsidrat:

Fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kif dedotti, u tordna li l-imputat jitqieghed taht ordni ta’ *Probation* ghall-perjodu ta’ tlitt (3) snin, *ai termini* tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------